# L-ewwel talba biex titwaqqaf il-Kongregazzjoni ta' San Ġużepp f'San Ġiljan

**Kan. Dr Jonathan Farrugia**

Fost ir-rikorsi miżmuma fl-Arkivju tal-Kurja tal-Arċisqof jinsab rikors ġej mill-1910[1] u li jġib l-isem tal-Kappillan Amabile Bonanno biex titwaqqaf kongregazzjoni ta' San Ġużepp fil-parroċċa ta' San Ġiljan. Bonanno kien minn Ħaż-Żebbuġ[2] u għalhekk dan jista' jixħet ftit dawl għal dan l-interess li kellu f'dan il-qaddis minħabba li f'Ħaż-Żebbuġ kien u għad hemm fratellanza u każin b'rabta ma' dan il-qaddis. Ir-rikors għandu miegħu wkoll statut għal din il-kongregazzjoni li kien hemm ix-xewqa li titwaqqaf u mill-analiżi tiegħu nifhmu li f'San Ġiljan diġà kienet teżisti l-festa ta' San Ġużepp, dik li kienet tfakkar il-patroċinju tiegħu fuq il-Knisja universali[3]. Din kienet imwaqqfa mill-ewwel Kappillan tal-parroċċa, Dun Ġużepp Xerri fit-testment tiegħu ddatat 4 ta' Ġunju 1883. Permezz ta' dan it-testment Xerri waqqaf legat għal quddiesa kantata bil-paniġierku ad unur u glorja ta' San Ġużepp, li kellha tiġi ċċelebrata kull sena fil-festa tal-patroċinju tal-qaddis, fit-tielet Ħadd tal-Għid.[4]


*Il-Kappillan Dun Amabile Bonanno.*

Apparti minn hekk, fil-knisja parrokkjali ta' dak iż-żmien kien hemm ukoll altar iddedikat lil San Ġużepp[5] b'pittura sabiħa ta' Salvatore Barbara ġejja mis-sena 1894. Ix-xewqa għal din il-kongregazzjoni, għalhekk, tidher li nibtet miż-żerriegħa ta' devozzjoni li kienu ħawlu din il-festa u dan l-altar.

**Il-kontenut tar-rikors**

Ir-rikors ġie preżentat mill-kappillan fil-5 ta' April 1910 u ħa nota tiegħu l-Kanċillier, Dun Franġisk Vella. Fih il-Kappillan jistqarr li fost il-parruċċani ta' San Ġiljan kien hemm devozzjoni ħajja lejn il-Patrijarka San Ġużepp bħala protettur tal-agonizzanti. Huwa jilmenta li minkejja li kellhom din id-devozzjoni ma kinux igawdu mill-benefiċċju spiritwali tal-indulġenzi waqt l-agunija li kienu jsiru f'kull parroċċa. Ikompli jgħid li biex ikunu jistgħu jgawdu minn dan il-benefiċċju u biex tinżamm dejjem ħajja fost il-parruċċani l-qima lejn San Ġużepp hu deherlu li kien meħtieġ li titwaqqaf kongregazzjoni taħt il-patroċinju tal-istess qaddis. Ir-rikors jispiċċa billi jitlob lill-Isqof Pace biex iwaqqaf fil-parroċċa ta' San Ġiljan il-kongregazzjoni ta' San Ġużepp waqt li jitlob ftit aktar żmien biex ikun jista' jibgħat l-istatuti għal din il-kongregazzjoni ġdida.

Fil-ġenb tar-rikors hemm nota miktuba minn xi ħadd u ffirmata mill-Isqof Pace nhar it-12 ta' April li tgħid li l-ewwel kellu jiġi esibit l-istatut. Huwa mifhum li r-rikors ma setax jiġi kkunsidrat qabel ma jkun ċar x'kien se jkun l-irwol ta' din il-kongregazzjoni u xi dmirijiet kellhom il-membri tagħha.

**Il-kontenut tal-istatut**

Mehmuż mar-rikors hemm l-istatut tal-kongregazzjoni miktub mill-Kappillan stess. Dan ġie preżentat kważi xahrejn wara, nhar it-28 ta' Mejju 1910.

L-istatut huwa maqsum fi tnax-il kapitlu li jitkellmu dwar l-iskop għala kellha titwaqqaf il-kongregazzjoni, id-dmirijiet tal-membri u d-drittijiet tagħhom, min huma l-uffiċjali u x'inhu r-rwol ta' kull wieħed minnhom, dwar l-elezzjoni tal-imsemmija uffiċjali u dwar il-professjoni tal-membri. B'kollox hemm 39 punt, u fl-aħħar nett hemm il-firma tal-Kappillan.

L-ewwel kapitlu,[6] li fih biss punt wieħed, jitkellem fuq ir-raġuni għalfejn kienet meħtieġa din il-kongregazzjoni: biex tikber id-devozzjoni lejn il-Patrijarka San Ġużepp, protettur tal-agonizzanti u biex il-membri jgħinu bit-talb tagħhom lill-agonizzanti rġiel u nisa b'mod speċjali waqt l-agunija tal-mewt u biex jitolbu għalihom wara li jmutu.

Id-dmirijiet tal-membri tal-kongregazzjoni huma miġbura f'ħames punti fit-tieni kapitlu.[7] L-ewwel u qabel kollox kien dmir tal-membri kollha li jaraw li l-kongregazzjoni[8] titmexxa tajjeb u li l-beni tagħha jkunu amministrati sew. Apparti minn hekk kulħadd kellu jieħu sehem fil-laqgħat li jsiru mill-kongregazzjoni matul is-sena, speċjalment il-quddiesa nhar ta' Ħadd, u fil-mumenti ta' talb ġenerali u partikulari li jsiru, speċjalment fit-tmint ijiem talb għall-mejtin u fil-mewt ta' kull membru. Barra minn hekk, kien hemm l-obbligu li jieħdu sehem fil-purċissjoni tal-patroċinju ta' San Ġużepp kif ukoll f'ċirkustanzi oħra jew meta tissejjaħ xi laqgħa urġenti. Meta jmut xi membru, il-membri l-oħrajn kellhom id-dmir li jakkumpanjaw il-katavru meta l-familja tal-mejjet tkun trid tagħmillu funeral fil-knisja.

Fit-tielet kapitlu,[9] imbagħad, jiġu diskussi d-drittijiet tal-membri fi tliet punti. Kollha kellhom id-dritt għas-suffraġji li kellhom jibdew jiġu ċelebrati f'Novembru, li kienu ħames posti rużarju u quddiesa kantata – għandna nifhmu li dawn kienu jiġu offruti għall-membri mejtin kollha. Kull membru li kien ikun ħallas il-"giubilazione," li milli nifhmu kienet somma li kellha titħallas meta wieħed jipprofessa (apparti l-annwalità ta' kull sena), kellu d-dritt li jkollu quddiesa letta waqt l-agunija, tliet sigħat ta' talb u daqq ta' qniepen waqt l-agunija u quddiesa oħra wara mewtu. Il-membri kollha kellhom id-dritt li jindifnu fl-oqbra tal-kongregazzjoni fiċ-ċimiterju tal-Addolorata.

Imbagħad tibda taqsima ta' seba' kapitli li jitkellmu dwar id-dmirijiet tal-uffiċjali tal-kongregazzjoni. L-ewwel jiġu identifikati s-sitt rwoli u jiġi mħabbar li jekk uffiċjal jonqos milli jattendi għal-laqgħat għal sitt xhur dan mill-ewwel jitlef postu.[10] L-ewwel rwol huwa dak tar-Rettur[11] li kellu jkun bilfors il-kappillan li jkun qed imexxi l-parroċċa; dan kellu vot doppju u kien hu li jiċċelebra l-professjoni u l-vestizzjoni tal-membri ġodda, u kellu

d-dritt jiġbor 6 soldi minn kull membru ġdid għax-xogħol li kien jagħmel. Kellu wkoll il-jedd li jkeċċi mill-kongregazzjoni lil xi membru li kellu mġiba ħażina li setgħet twaqqa' l-ġieħ tal-kongregazzjoni; biex jagħmel dan kien jeħtieġ il-kunsens ta' nofs id-disa' uffiċjali l-oħra. Il-Prokuratur – li kien wieħed mir-rwoli l-oħra – kellu jkun magħżul mir-Rettur minn fost dawk li jiġu eletti.

Ir-Rettur kellu żewġ assistenti[12] li xogħolhom kien li jgħinuh fit-tmexxija. L-ewwel wieħed kien il-Viċi Rettur li jgawdi l-preċedenza fuq il-membri kollha u kellu l-jedd jilbes il-midalja waqt il-purċissjonijiet. L-ieħor kien l-Assistent Viċi Rettur li kellu l-preċedenza wara l-Viċi Rettur u kellu l-jedd jilbes il-midalja jekk il-Viċi Rettur ikun nieqes. Id-dmir speċifiku tiegħu kien li jara li l-kongregazzjoni timxi sew. Imbagħad kien hemm is-Segretarju[13] li xogħolu kien li jieħu nota tad-diskussjonijiet u d-deċiżjonijiet meħuda mill-membri waqt is-seduti. Il-Prokuratur[14] kellu jintgħażel mill-Kappillan/Rettur u mbagħad jiġi approvat mill-Isqof biex ikun jista' jieħu dan ir-rwol. Wara l-approvazzjoni kellu jżomm tliet reġistri biex fihom jikteb il-ħlas tal-membri u l-ispejjeż tal-kongregazzjoni maqsumin fi dħul u ħruġ. Fi tmiem il-ħatra tiegħu, wara sentejn, kellu ħmistax żmien biex dawn il-kotba jgħaddihom lill-Prokuratur ta' warajh. Meta kellha ssir xi spiża straordinajra ta' aktar minn £1, l-ewwel kellu jġib l-approvazzjoni tal-uffiċjali l-oħra u mbagħad il-permess mingħand l-Isqof. Darba f'sena, fis-seduta ġenerali, kellu jagħti r-rendikont tal-infiq u d-dħul. Kellu wkoll jakkwista x-xemgħat għall-membri biex jintużaw fil-purċissjonijiet u anke jiġbor il-flus għall-festa ta' San Ġużepp.

L-istatut jgħid ukoll li kellhom jinħatru erba' uffiċjali bħala konsulturi[15] li kellhom jgħinu lir-Rettur waqt il-konsulti ġenerali u privati u anke billi jagħtuh il-pariri tagħhom. L-ewwel konsultur kellu jkun il-Viċi Rettur wara li jispiċċa s-sentejn tal-ħatra tiegħu, jiġifieri nifhmu li dan kien jitla' mingħajr elezzjoni. L-aħħar kapitlu dwar l-uffiċjali jitkellem dwar id-Depożitarju[16] li xogħlu kien li jżomm imsakkrin l-oġġetti ta' valur li kellha l-kongregazzjoni. Mal-ħatra d-Depożitarju kellu jagħmel inventarju u jagħmel żewġ kopji tiegħu, waħda jżommha u l-oħra titħalla fl-arkivju, għandna nifhmu dak parrokkjali jew tal-kongregazzjoni.

Il-kapitlu 9 jitkellem dwar l-elezzjoni[17] tal-uffiċjali li kellha ssir kull sentejn waqt is-seduta ġenerali nhar il-ħames Hadd tal-Għid. L-ewwel kellu jingħad xi talb, imbagħad jinħatar il-Viċi Rettur[18] u mbagħad l-uffiċjali l-oħrajn. L-elezzjoni ma kinetx issir bil-voti, imma skont min ikun ġabar l-akbar numru ta' suffraġi u dment li jkun ħallas il-giubilazione sħiħa tal-iskrizzjoni.

L-aħħar kapitlu[19] jitkellem dwar il-professjonijiet fil-kongregazzjoni. Min kien ikun milqugħ kien jgħaddi għall-professjoni wara xahar ta' tħejjija, sakemm ma jkunx hemm xi impediment ġustifikat. Il-professi kellhom iħallsu giubilazione ta' 10 xelini li kellha titħallas fi żmien sentejn minn meta jipprofessaw. Il-membri kellhom jiġu nominati permezz ta' nota mill-Prokuratur u milqugħa mir-Rettur. Min xtaq isir membru kellu jħallas żewġ xelini u sitt soldi mill-ewwel u dawn kienu jinqatgħu mill-10 xelini li kellhom iħallsu talli jinkitbu fil-kongregazzjoni.


251
1910

A Sua Eccellenza Rev.ma
Mons. Pietro Pace
Prelato Domestico di Sua Santità
Arcivescovo Vescovo di Malta
etc. etc. etc.

Umile ricorso del Sac. Amabile Bonanno Parroco di San Giuliano.

Riverentemente espone,

Che i fedeli della parrocchia di San Giuliano hanno una viva devozione verso il Protettore degli agonizzanti il Gran Patriarca San Giuseppe;

Che nonostante tale devozione manca loro il vantaggio di avere il beneficio spirituale delle indulgenze durante le ultime ore d'agonia solite farsi in ciascuna parrocchia.

Che, per introdurre questo beneficio spirituale e mantenere sempre vivo tra i suoi parrocchiani tale devozione, il ricorrente crede necessario che ci sia eretta una congregazione sotto il patrocinio del medesimo Santo;


Laonde l'oratore umilmente prega Vostra Eccellenza Rev.ma a voler degnarsi erigere nella parrocchia di San Giuliano la Congregazione di San Giuseppe concedendo una dilazione di tempo per poter avanzare gli statuti richiesti.

E della grazia etc...

Parroco Amabile Bonanno.

5 Aprile 1910.

Presentato il dì 5 Aprile 1910.

Omnibus perpensis,
Non expedire.
Datum die 16 Septembris 1910.

***Ir-Rikors***

**Talba miċħuda**

Fi tmiem ir-rikors tinsab id-deċiżjoni tal-Isqof: "*Omnibus perpensis, non expedire. Datum die 16 Septembris 1910*": Kollox ġie kkunsidrat. It-talba m'għandhiex tiġi milqugħa. Mogħti fis-16 ta' Settembru 1910.

Peress li mkien ma jingħataw raġunijiet għalfejn ir-rikors ġie miċħud nistgħu biss inpoġġu xi ipoteżi. Fil-bidu għedna li l-Kappillan Bonanno kien minn Ħaż-Żebbuġ u jekk inżommu mat-tradizzjonijiet orali Ġiljaniżi ġejjin minn żmien dan il-Kappillan jidher li hu kien partitarju tal-festa ta' San Ġużepp; biżżejjed ngħidu li fi żmienu kien jiġi msellef il-mant li kien jintrama fuq l-altar il-maġġur tal-knisja ta' San Ġiljan f'Corpus Domini, lill-fratellanza ta' San Ġużepp ta' Ħaż-Żebbuġ biex taħtu tintrama l-vara.[20] Għedna wkoll li f'San Ġiljan ġa kienet teżisti l-festa ta' San Ġużepp, li probabilment kienet piż fuq il-parroċċa; mill-istatut (punt 27) jidher li mat-twaqqif tal-kongregazzjoni din il-festa kienet se tiġi responsabbiltà tagħha għax wieħed mid-dmirijiet tal-Prokuratur kien li jiġbor għal din il-festa. Jista' jagħti l-każ li l-Isqof kellu xamma li jekk iħalli dan iseħħ kienet se tinħoloq festa rivali għal dik titulari ta' San Ġiljan fir-raħal. Diġà fl-irħula tan-naħa t'isfel ta' Malta bħaż-Żurrieq, il-Qrendi, l-Imqabba, Ħal Kirkop, il-Gudja u Ħal Għaxaq kien hemm fratellanzi b'saħħithom u problematiċi li għal raġunijiet diversi fetħu każini għal rashom jew saru alleati ta' każini eżistenti bil-konsegwenza li ħolqu firdiet irrimedjabbli fil-komunitajiet. L-Isqof Pace jidher li kien qed ikun kawt ħafna biex ma jħallix ċirkustanza bħal din tinħoloq f'San Ġiljan.

Jekk inżommu mal-kwistjoni tal-festa nsibu punt ieħor li mhux ċar. Milli nifhmu l-festa li kienet diġà ssir f'San Ġiljan kienet dik tal-patroċinju ta' San Ġużepp, waqt li l-kongregazzjoni, skont l-ewwel kapitlu tal-istatut, kienet tħares lejn San Ġużepp bħala "Protettore degli agonizzanti" u l-għan tagħha kien it-talb u l-wens lill-membri waqt l-agunija u s-suffraġji wara mewthom. L-ispirazzjoni għal din jista' jkun li kienet is-sodalità tal-qassisin imwaqqfa f'Ħaż-Żebbuġ li tagħha kien membru Dun Amabile, li wkoll kienet toffri quddies għall-bon passaġġ u talb għal waqt l-agunija tal-membri.[21] L-Isqof jista' jkun deherlu li biex isir dan it-tip ta' talb għall-parruċċani fl-agunija ma kienx hemm bżonn li titwaqqaf kongregazzjoni.


*Il-kwadru ta' San Ġużepp fuq l-altar iddedikat lil dan il-qaddis fil-knisja parrokkjali l-antika, xogħol iffirmat u ddatat ta' Salvatore Barbara, 1894.*

Apparti minn hekk jidher li hemm xi punti li jistgħu jitqiesu problematiċi fl-istatut innfisu, almenu bil-kejl tal-lum. L-ewwel u qabel kollox hemm it-titlu: *Statuto della Congregazione di San Giuseppe eretta nella Chiesa Parrochiale di San Giuliano*: dan jagħti l-impressjoni li l-Kappillan kien ġa għamilha fatta li l-permess se joħroġ għax jimplika li hija diġà mwaqqfa. Ma' dan nistgħu nsemmu li l-Kappillan qisu jagħti x'jifhem li kien jaf li din il-kongregazzjoni kien se jkollha oġġetti prezzjużi li jridu jinżammu msakkrin kif ukoll oqbra fiċ-ċimiterju tal-Addolorata, kollha affarijiet li jiġu biż-żmien u mhux mill-ewwel mal-fondazzjoni. Dan l-atteġġjament seta' urta lill-Isqof u qajjimlu mistoqsijiet fuq il-provenjenza ta' dawn il-beni.

Nistgħu nsemmu wkoll li r-rikors donnu sar b'għaġla għax meta ġie preżentat, fil-5 ta' April, l-istatut kien għadu mhux lest jew ma jeżistix; dan fil-fatt ġie preżentat kważi xahrejn wara, fit-28 ta' Mejju. Għal xi ħaġa hekk aktar huwa sensibbli li jiġu ppreżentati d-dokumenti kollha meħtieġa mill-ewwel. Il-kontenut fih xi ftit nuqqasijiet ta' koerenza, bħalma huma l-mod kif tissejjaħ il-kongregazzjoni u l-membri: ġeneralment din tissejjaħ "Congregazione" imma xi drabi nsibu "Confraternità" u "Sodalità" waqt li l-membri jissejħu "Sodali", "Aggregati" u "Confratelli/Consorelle." Għalkemm id-differenza bejn Fratellanza, Sodalità u Kongregazzjoni llum mhix għalkollox ċara, fiż-żmien meta dawn it-tip ta' għaqdiet kienu jitwaqqfu d-differenza kienet mifhuma aktar, u għalhekk ma tantx jirrifletti tajjeb fuq il-Kappillan il-fatt li ma jidhirx deċiż x'ried iwaqqaf sewwasew.



*L-istatwa ta' San Ġużepp, armata għall-festa tal-patroċinju fil-knisja parrokkjali l-antika, xogħol ta' artist mhux magħruf*

Barra minn dan kollu hemm il-kwistjoni li tikkonċerna l-flus. Kull membru kellu jħallas 10 xelini biex ikun membru sħiħ u dawn setgħu jitħallsu fi żmien sentejn (punt 37). Tissemma' wkoll annwalità (punt 24) imma mkien ma hemm imsemmi din kemm kienet. Il-punt xi ftit skomdu dwar il-flus huwa n-numru 8 fejn jingħad li huma biss il-membri li jkunu ħallsu l-10 xelini tal-iskrizzjoni li kellhom dritt għad-daqq tal-agunija, il-quddiesa ta' qabel il-mewt u l-oħra ta' wara. Dan kollu jagħti l-impressjoni li t-talb wieħed jirċevih jekk ikollu minn fejn iħallas. Apparti minn hekk fil-punt 17 naqraw li r-Rettur, li ma kien ħadd għajr il-Kappillan, kien intitolat jieħu 6 soldi għal kull persuna li kienet tipprofessa. Dan jista' jiġi interpretat li l-Kappillan kien qed ifittex modi kif jaqla' xi ħaġa wkoll.

**Għeluq**

Fl-1910 l-kongregazzjoni ta' San Ġużepp baqgħet fuq l-ixkaffa, imma jista' jkun li twaqqfet f'xi punt aktar tard, għalkemm illum din ma għadhiex teżisti.[22] Dan nistgħu nifhmuh għax P. Alexander Bonnici fl-istudju tiegħu dwar l-ewwel kappillani jgħid li fl-1932 "minbarra l-fratellanza tas-Sagrament, kien hemm ukoll dik tar-Rużarju, u ma kellhiex iddum ma titwaqqaf dik ta' San Ġużepp ukoll."[23] Il-fatt li wieħed mill-istandardi tal-fratellanzi li joħorġu fil-purċissjonijiet huwa magħruf bħala "ta' San Ġużepp" jista' jitqies bħala prova li kien hemm xi żmien meta din il-kongregazzjoni fil-fatt eżistiet. Peress li ma nstabux rikorsi oħra minn żmien Bonanno biex titwaqqaf kanonikament din il-kongregazzjoni, jista' jkun li Bonanno waqqafha xorta mingħajr ma fittex l-approvazzjoni tal-Isqof, ħaġa li jidher li kienet saret anke f'parroċċi oħrajn.[24]

**Traskrizzjoni u Traduzzjoni tad-Dokumenti**

Suppliche 1910 (vol. 174) ff. 577f-557r

**Ir-rikors**

*A Sua Eccellenza Rev.ma Mons. Pietro Pace, Prelato Domestico di Sua Santità, Arcivescovo Vescovo di Malta etc. etc. etc.*

*Umile ricorso del Sac. Amabile Bonanno Parroco di San Giuliano*

*Riverentemente espone*

*che i fedeli della parrocchia di San Giuliano hanno una viva devozione verso il Protettore degli Agonizzanti il Gran Patriarca San Giuseppe;*

*che, nonostante tale devozione manca loro il vantaggio di avere il beneficio spirituale delle indulgenze durante le ultime ore d'agonia solite farsi in ciascuna parrocchia;*

*che, per introdurre questo beneficio spirituale e mantenere sempre viva tra i suoi parrocchiani tale devozione, il ricorrente crede necessario che ci sia eretta una congregazione sotto il patrocinio del medesimo Santo.*

*Inonde l'oratore umilmente prega Vostra Eccellenza Rev.ma a voler degnarsi erigere nella parrocchia di San Giuliano la Congregazione di San Giuseppe concedendo una dilazione di tempo per poter avanzare gli statuti richiesti.*

*Parroco Amabile Bonanno, 5 Aprile 1910.*

*Presentato il dì 5 Aprile 1910 Sac. Fr. Vella*

**Nota fil-ġenb tal-paġna:** *Exhibite prius statuto de cuibus. Datum Vallettae die 12 Aprilis 1910*

**Nota li wara li ġie studjat l-istatut:** *Omnibus perpensis. Non expedire Datum die 16 Septembris 1910.*

Lill-Eċċellenza Tiegħu Reverendissima Mons. Pietru Pace, Monsinjur tal-Qdusija Tiegħu, Arċisqof Isqof ta' Malta eċċ. eċċ. eċċ.

Rikors umli ta' Dun Amabile Bonanno kappillan ta' San Ġiljan

Bil-qima kollha jesponi

li l-fidili tal-parroċċa ta' San Ġiljan għandhom devozzjoni ħajja lejn il-Kbir

Patrijarka San Ġużepp Protettur tal-Agonizzanti;

li minkejja din id-devozzjoni jonqoshom il-vantaġġ li jkollhom il-benefiċċju spiritwali tal-indulġenzi waqt l-aħħar sigħat tal-agunija li s-soltu jsiru f'kull parroċċa;

li, biex idaħħal dan il-benefiċċju spiritwali u jżomm dejjem ħajja fost il-parruċċani tiegħu din id-devozzjoni, ir-rikorrent jemmen li jeħtieġ tiġi mwaqqfa kongregazzjoni taħt il-patroċinju tal-istess qaddis;

Għaldaqstant dak li qed jagħmel din it-talba umilment jitlob lill-Eċċellenza Tiegħek Reverendissima li twaqqaf fil-parroċċa ta' San Ġiljan il-kongregazzjoni ta' San Ġużepp u tagħtih ftit żmien biex ikun jista' jwassal l-istatuti meħtieġa.

Kappillan Amabile Bonanno, 5 ta' April 1910.

Preżentat nhar il-5 ta' April 1910. Dun Franġisk Vella (Kanċillier).

**Nota fil-ġenb tal-ewwel paġna:** L-ewwel għandu jiġi esibit l-istatut ta' dan li hawn imsemmi, mogħti fil-Belt Valletta nhar it-12 ta' April 1910.

**Nota wara li ġie studjat l-istatut:** Kollox ġie kkunsidrat. It-talba m'għandhiex tiġi milqugħa. Mogħti nhar is-16 ta' Settembru 1910.

**L-istatut**
*Della Gran Curia Vescovile di Malta. Nota del sottoscritto Parroco di San Giuliano*

*Conferisce il medesimo ed in ubbidienza al Decreto dato il 12 Aprile 1910 dato sul suo ricorso presentato il 5 dello stesso mese, esibisce i relativi Statuti.*

*Parroco Amab. Bonanno. Presentato il 28 Maggio 1910.*

*Statuto della Congrezione di San Giuseppe eretta nella chiesa parrocchiale di San Giuliano*

*Capo I: Scopo della Congregazione*

*1. Scopo di questa Congregazione è di accrescere sempre la devozione verso il Patriarca San Giuseppe Protettore degli agonizzanti nonché di soccorere di preghiere e conforti religiosi tutti gli agonizzanti maschi e femmine in vita e specialmente in punto di morte e di suffragarli pure dopo morte.*

*Capo II: Doveri degli Aggegati*

*2. È dovere dei Confratelli vigilare sull'andamento regolare della Confraternità e sull retta amministrazione dei beni della medesima.*

*3. È dovere dei Confratelli di prendere parte nelle adunanze e nelle sedute che la Confraternità tiene durante l'anno.*

*4. Quindi è dovere dei medesimi intervenire nelle Congregazioni domenicali, negli ufficcii generali e particolari che si tengono durante l'ottavario dei defunti e in occasione della morte di ciascun confratello o consorella.*

*5. È dovere dei Confratelli intervenire nella solenne Processione del Patrocinio di San Giuseppe nonché in altre circostanze simili secondo la decisione della consulta generale o del Rettore, in caso di urgenza in connivenza col Parroco.*

*6. È dovere dei Confratelli accompagnare il cadavere di qualche confratello quando la famiglia del defunto vuol fargli il funerale in chiesa.*

*Capo III: Dritti degli Aggregati*

*7. I Confratelli e le Consorelle hanno diritto ai suffragi che si celebrano nel mese di Novembre cioè cinque poste di Rosario ed una messa cantata.*

*8. Alla loro morte purché abbiano versato l'intiera giubilazione hanno diritto ad una messa letta di Buon Passaggio, a Tre Ore d'Agonia ed ad un'altra Messa letta dopo la morte.*

*9. I Confratelli e le Consorelle hanno dritto di essere sepolti nelle tombe appartenenti alla Congregazione nel Cimiterio dell'Addolorata.*

*Capo IV: Degli Ufficiali*

*10. Gli Ufficiali della Congregazione sono: 1. Il Rettore; 2. I due Assistenti; 3. Il Segretario; 4. Il Procuratore; 5. Il Depositario; 6. I Quattro Consultori.*

*11. Quale degli Ufficiali, che per sei mesi continui si assentassero senza giustificabile motivo dalle riunioni decadebbero ipso facto dall'ufficio.*

*Capo V: Del Rettore*

*12. Rettore della Congregazione sarà sempre il Parroco pro tempore cui spetta la direzione della stessa e la sorveglianza degli ufficiali inferiori.*

*13. Egli presiede a tutte le riunioni tanto della Consulta Privata quanto della Generale e l'una e l'altra egli convoca fissando il giorno e l'ora.*

*14. Il Rettore in ogni ballottaggio ha doppio voto.*

*15. Spetta al Rettore la vestizione come pure la professione dei Sodali.*

*16. Spetta al Rettore il diritto di eleggere il procuratore della Congregazione dai 9 da loro eletti.*

*17. Il Rettore in retribuzione dell'incommodo suo avrà il diritto di percepire dal procuratore della Congregazione 6 soldi per ciascun sodale che avrà professato.*

*18. Il Rettore avrà il diritto di espellere dalla Congregazione qualunque Sodale che con la sua condotta potrà recare disdecoro alla stessa Sodalità; ma per ciò fare avrà bisogno del consenso di più della metà dei 9 membri, il quale consenso dovrà essere dato in seduta regolare.*

*Capo VI: Degli Assistenti*

*19. Come indica la stessa parola compito degli Assistenti è quello di assistere il Rettore nel governo della Congregazione.*

*20. Il primo degli Assistenti ossia il Vice-Rettore avrà la precedenza nelle processsioni sugli altri Sodali e porterà la Medaglia.*

*21. L'Assistente Vice-Rettore avrà pure la precedenza come il Vice-Rettore e in caso di assenza del Vice-Rettore ne farà le veci, porterà la medaglia e sorveglierà sul buon andamento della Congregazione.*

*Capo VII: Del Segretario*

*22. Il Segretario avrà l'obbligo di registrare le deliberazioni prese dai membri nelle sedute ed a tal scopo si fornirà di un registro.*

*Capo VIII: Del Procuratore*

*23. Il Procuratore scelto, prima di ottenere il Decreto dall'Ordinario della Conferma della sua nomina non può prendere possesso nè esercitare il suo ufficio.*

*24. Riconosciuto debitamebte dalla Autorità Ecclesiastica deve provvedersi di tre registri in uno dei quali noterà i nomi degli ascritti col rispettivo ammonto che avranno pagato per l'ingresso (che è di 2 scellini e 6 soldi) o annualità o giubilazione, nel secondo noterà l'introito e nel terzo l'esito.*

*25. Il Procuratore, ove le spese straordinarie eccedessero lira una sterlina deve prima ottenere il consenso degli altri membri eletti, dato il consenso in una seduta regolare e qualora dette spese oltrepassassero la suddetta somma si richiederà la debita autorizzazzione dell'Ordinario.*

*26. Il Procuratore ogni anno nella seduta generale che si terrà la quinta Domenica dopo Pasqua dovrà dare un esatto conto della sua amministrazione.*

*27. Sarà special cura del Procuratore di provvedre i Sodali di cere per le processioni nonché di far raccolte per la festa di San Giuseppe.*

*28. Il Procuratore spirati due anni e fatta l'elezione generale debba lo stesso entro giorni quindici consegnare al procuratore i libri e tutto ciò che appartiene alla Congregazione, e che lo stesso sia tenuto a rendere un conto esatto e fedele alla Deputazione dei conti per essere esaminati e quittati.*

*Capo IX: Dei Consultori*

*29. I Consultori sono quattro di numero ed hanno l'ufficio di aiutare coi loro consigli il Rettore e assisterlo specificamente nelle consulte private e generali.*

*30. Il primo Consultore è sempre il vice-Rettore dopo spirato il biennio della sua carica.*

*Capo X: Del Depositario*

*31. Ufficio del Depositario è qello di tenere sotto chiave gli oggetti preziosi di pertinenza della Congregazione.*

*32. Il Depositario appena nominato, scriverà una nota esatta degli oggetti conservati nel deposito, facendone una breve descrizione. Questa nota sarà scritta in dupplicato: una conserverà presso di se, un'altra sarà messa nell'Archivio.*

*Capo XI: Dell'Elezione*

*33. L'Elezione generale si tiene ogni biennio nel giorno come indicato sopra Capo VIII No 26.*

*34. Previa la recita del "Veni Creator" e di un Pater-Ave-Gloria con la invocazione "Sancte Joseph ora pro nobis," si comincia coll'elezione del Vice-Rettore e poi degli altri ufficiali maggiori*

*35. Riuscirà eletto chi avrà riportato il maggior numeri di suffragi purché conti la giubilazione della ascrizione.*

*Capo XII: Della Professione*

*36. Le Persone ammesse nella Sodalità devono passare alla Professione entro il termine di un mese, salvo qualche impedimento gustificabile.*

*37. La somma fissata per la giubilazione è di 10 scellini che si deve pagare entro lo spazio di due anni salvo qualche impedimento giustificabile.*

*38. Avranno il titolo di Sodali e godranno di tutti i predetti beneficii quelle persone che vi si troveranno debitamente ammesse dal Rettore ossia Parroco a cui sarà data una nota*

*firmata dal Procuratore della Sodalità.*

*39. Chiunque desidera essere ammessi come Sodale deve pagare 2 scellini e 6 soldi per l'ingresso la quale somma sarà compresa nella somma totale.*

*Parroco A. Bonanno.*

Għall-Kbira Kurja Veskovili ta' Malta. Nota tal-Kappillan ta' San Ġiljan, imsemmi hawn taħt.

Iwassal u qiegħed juri l-Istatuti meħtieġa b'ubbidjenza għad-Digriet mogħti fit-12 ta' April 1910 fuq ir-rikors tiegħu preżentat nhar il-5 tal-istess xahar.

Kappillan Amabile Bonanno. Preżentat nhar it-28 ta' Mejju 1910.

Statut tal-kongregazzjoni ta' San Ġużepp imwaqqfa fil-knisja parrokkjali ta' San Ġiljan.

Kap. 1: L-Iskop tal-Kongregazzjoni

1. L-iskop ta' din il-kongregazzjoni hu li tikber dejjem aktar id-devozzjoni lejn il-Patrijarka San Ġużepp, protettur tal-agonizzanti, kif ukoll biex tgħin bit-talb u l-faraġ reliġjuż lill-agonizzanti kollha, irġiel u nisa fil-ħajja u speċjalment fil-mument tal-mewt u li titlob għalihom wara mewthom.

Kap. 2: Id-Dmirijiet tal-Membri[25]

2. Huwa d-dmir tal-membri joqogħdu attenti għat-tmexxija regolari tal-kongregazzjoni[26] u fuq l-amministrazzjoni tajba tal-beni tagħha.

3. Huwa d-dmir tal-membri li jieħdu sehem fil-laqgħat u fis-seduti li l-kongregazzjoni torganizza matul is-sena.

4. Għalhekk huwa d-dmir tagħhom jieħdu sehem fil-quddiesa nhar ta' Hadd, fil-laqgħat ta' talb ġenerali u partikolari li jsiru matul it-tmint ijiem f'ġieħ il-mejtin u fl-okkażjoni tal-mewt ta' kull membru raġel jew mara.

5. Huwa d-dmir tal-membri jieħdu sehem fil-purċissjoni solenni tal-patroċinju ta' San Ġużepp kif ukoll f'ċirkustanzi oħra skont id-deċiżjonijiet tal-konsulta ġenerali jew tar-Rettur, anke b'mod urġenti, bi qbil mal-Kappillan.

6. Huwa dmir tal-membri jakkumpanjaw il-katavru ta' membru meta l-familja tkun trid tagħmillu funeral fil-knisja.

Kap. 3: Id-Drittijiet tal-Membri

7. Il-membri rġiel u nisa għandhom id-dritt għas-suffraġji li jiġu ċelebrati matul ix-xahar ta' Novembru, jiġifieri ħames posti rużarju u quddiesa kantata.

8. F'mewthom, dment li jkunu ħallsu s-somma sħiħa tal-iskrizzjoni, għandhom id-dritt għall-quddiesa letta tal-bon passaġġ, tliet sigħat ta' agunija u għall-quddiesa letta oħra wara mewthom.

9. Il-membri rġiel u nisa għandhom dritt li jkunu midfuna fl-oqbra tal-kongregazzjoni fiċ-ċimiterju tal-Addolorata.

Kap. 4: Dwar l-Uffiċjali

10. L-uffiċjali tal-kongregazzjoni huma: 1. Ir-Rettur; 2. żewġ assistenti; 3. is-Segretarju; 4. il-Prokuratur; 5. Id-Depożitarju; 6. l-erba' konsulturi.

11. Dawk fost l-uffiċjali li jkunu assenti mil-laqgħat għal sitt xhur wara xulxin mingħajr raġuni ġustifikata jitneħħew mill-uffiċċju awtomatikament.

Kap. 5: Dwar ir-Rettur

12. Ir-Rettur tal-kongregazzjoni jkun dejjem il-Kappillan u r-responsabbiltà tiegħu hija t-tmexxija tagħha u l-għassa fuq l-uffiċċji ta' taħtu.

13. Huwa jmexxi l-laqgħat kollha kemm tal-konsulta privata kif ukoll dik ġenerali u għandu jkun hu li jagħżel il-ġurnata u l-ħin meta ssir kemm waħda u kemm l-oħra.

14. F'kull votazzjoni r-Rettur għandu dejjem vot doppju.

15. Il-vestizzjoni u l-professjoni tal-membri għandha ssir mir-Rettur.

16. Ir-Rettur għandu dritt jagħżel il-prokuratur tal-kongregazzjoni minn fost id-9 li jiġu eletti bħala uffiċjali.

17. Bħala kumpens għal xogħlu, ir-Rettur għandu dritt jitlob mingħand il-Prokuratur tal-kongregazzjoni 6 soldi għal kull membru li jiġi professat.

18. Ir-Rettur għandu dritt ikeċċi mill-kongregazzjoni lil kull min iġib ruħu b'mod li jista' jwaqqa' ġieħ il-kongregazzjoni; imma biex jagħmel dan irid ikollu l-kunsens ta' aktar minn nofs tad-9 uffiċjali l-oħra, u dan il-kunsens irid jingħata waqt seduta regolari.

Kap. 6: Dwar l-Assistenti

19. Kif tfisser il-kelma, ix-xogħol tal-assistenti huwa li jgħinu lir-Rettur fit-tmexxija tal-

kongregazzjoni.

20. L-ewwel fost l-assistenti, jew il-Viċi Rettur, ikollu l-preċedenza fuq il-membri l-oħra fil-purċissjonijiet u jilbes il-midalja.

21. L-Assistent Viċi Rettur ukoll ikollu l-preċedenza bħall-Viċi Rettur u f'każ li l-Viċi Rettur ikun assenti joħodlu postu, jilbes il-midalja u jgħasses fuq it-tmexxija tajba tal-kongregazzjoni.

Kap. 7: Dwar is-Segretarju

22. Is-Segretarju għandu l-obbligu li jikteb id-deċiżjonijiet meħudin mill-membri waqt is-seduti u għaldaqstant għandu jakkwista reġistru.

Kap. 8: Dwar il-Prokuratur

23. Il-Prokuratur magħżul ma jistax jibda jeżerċita l-uffiċċju tiegħu qabel ma jġib id-digriet tal-konferma tan-nomina tiegħu mingħand l-Isqof tad-djoċesi.

24. Meta jkun ġab din il-konferma meħtieġa mill-awtorità ekkleżjastika għandu jakkwista tliet reġistri li f'wieħed minnhom jikteb l-ismijiet tal-membri u l-ammont li jkunu ħallsu meta nkitbu (jiġifieri 2 xelini u 6 soldi) jew l-annwalità jew inkella s-somma sħiħa tal-iskrizzjoni, fit-tieni reġistru jieħu nota tad-dħul u fit-tielet il-ħruġ.

25. Meta tkun se ssir xi spiża straordinarja ta' aktar minn lira sterlina waħda l-Prokuratur għandu l-ewwel iġib il-kunsens tal-uffiċjali l-oħrajn waqt seduta regolari u jekk l-ispiża tkun se tkun ogħla mis-somma msemmija jeħtieġ li jinġieb il-permess mingħand l-Isqof tad-djoċesi.

26. Il-Prokuratur kull sena waqt is-seduta ġenerali li tinżamm fil-ħames Ħadd wara l-Għid irid jagħti rendikont preċiż tal-amministrazzjoni tiegħu.

27. Hija responsabbiltà speċifikament tal-Prokuratur li jara li l-membri jkollhom ix-xemgħat għal waqt il-purċissjonijiet, kif ukoll li jiġbor il-flus għall-festa ta' San Ġużepp.

28. Meta jgħaddu s-sentejn tal-uffiċċju tiegħu u ssir l-elezzjoni ġenerali, il-Prokuratur irid, fi żmien ħmistax-il ġurnata, jagħti lis-suċċessur tiegħu r-reġistri u dak kollu li huwa tal-kongregazzjoni, u huwa mistenni li jagħti kont preċiż u fidil lill-uffiċċju tal-kontijiet biex dan jiġi eżaminat u magħluq.

Kap. 9: Dwar il-Konsulturi

29. Il-konsulturi huma erbgħa u għandhom ir-rwol li jgħinu peremezz tal-pariri tagħhom lir-Rettur u jassistuh speċifikament fil-konsulti privati u ġenerali.

30. L-ewwel konsultur għandu jkun dejjem il-Viċi Rettur wara li jkunu għaddew is-sentejn tal-kariga tiegħu.

Kap. 10: Dwar id-Depożitarju

31. L-uffiċċju tad-Depożitarju huwa dak li jżomm imsakkrin l-oġġetti prezzjużi tal-kongregazzjoni.

32. Id-Depożitarju li jiġi elett għandu mill-ewwel jagħmel inventarju preċiż tal-oġġetti li jinsabu fid-depożitu, u jagħmel deskrizzjoni żgħira ta' kull wieħed. Dan l-inventarju għandu jkollu żewġ kopji: waħda jżommha hu, l-oħra titpoġġa fl-arkivju.

Kap. 11: Dwar l-Elezzjoni

33. L-elezzjoni ġenerali ssir kull sentejn fil-ġurnata msemmija hawn fuq fil-Kap. 8 Nru 26.

34. Wara r-reċita tal-"Veni Creator" u ta' Missierna, Sliema u Glorja bl-invokazzjoni, "San Ġużepp itlob għalina," tibda l-elezzjoni tal-Viċi Rettur u mbagħad tal-uffiċċji maġġuri l-oħrajn.

35. Jiġi elett min ikun ġabar l-akbar numru ta' suffraġji dment li jkun ħallas is-somma sħiħa tal-iskrizzjoni meta nkiteb.

Kap. 12: Dwar il-Professjoni

36. Il-persuni milqugħa fil-kongregazzjoni jridu jaslu għall-professjoni wara xahar, sakemm ma jkunx hemm xi impediment ġustifikat.

37. Is-somma għall-iskrizzjoni hija ta' 10 xelini li jridu jitħallsu fi żmien sentejn sakemm ma jkunx hemm xi impediment ġustifkat.

38. Jistgħu jissejħu membri u jgawdu l-benefiċċji kollha msemmija dawk il-persuni li jkunu aċċettati mir-Rettur, jew il-Kappillan, li lilu tkun ingħatat nota dwarhom mill-Prokuratur tal-kongregazzjoni.

39. Kull min jixtieq isir membru għandu jħallas 2 xelini u 6 soldi immedjatament għall-iskrizzjoni li mbagħad dawn jitnaqqsu mis-somma totali.

Kappillan A. Bonanno

**Referenzi**


[1] Arkivju tal-Kurja tal-Arċisqof, *Suppliche 1910*, Vol. 174, Nru. 251/1910, f. 577-583.

[2] Alexander Bonnici, "Il-Viċi Parroċċa u l-Parroċċa ta' San Ġiljan: 1849-1942" f'*San Ġiljan mitt sena parroċċa 1891-1991*, editur Stanley Fiorini (Malta: Deer Publications, 1992), 171.

[3] Din kienet imwaqqfa mill-Kappillan Dun Ġużepp Xerri fit-testment tiegħu ddatat 4 ta' Ġunju 1883.

[4] NAV, Not. Cristoforo Frendo 960 – 976 (4.vi.1883). L-ispiża annwali ta' żewġ liri b'risq il-legat għal

quddiesa kantata bil-paniġierku fil-festa ta' San Ġużepp, kif ukoll il-legat ta' quddiesa kantata b'suffraġju għal ruħu bil-libra li kellha ssir kull sena '*in perpetuo'* fl-anniversarju tal-mewt tiegħu, ġew imposti bħala piż perpetwu fuq dar numru 15, f'Triq Birkirkara ġewwa San Ġiljan.

[5] Fil-pittura San Ġużepp jidher qed iżomm il-Bambin skont l-ikonografija l-aktar magħrufa ta' dan il-qaddis. Għalkemm il-festa kienet issir f'ġieħ il-Patroċinju tiegħu fuq il-Knisja Universali, din il-pittura ma tagħmilx referenza għal dan l-aspett imma aktar tidħol fil-kategorija 'klassika' ta' San Ġużepp bħala l-għarus tal-Verġni Marija u missier putattiv ta' Ġesù.

[6] *Suppliche 1910*, vol. 174, *Statuto della Congregazione di San Giuseppe eretta nella chiesa Parrochiale di San Giuliano*, Capo I, 1.

[7] *Statuto*, Capo II, 2-6.

[8] Dan huwa wieħed mid-drabi fejn flok "*Congregazione*" Bonanno juża "*Confraternità*".

[9] *Statuto*, Capo III, 7-9

[10] *Statuto*, Capo IV, 10-11.

[11] *Statuto*, Capo V, 12-18.

[12] *Statuto*, Capo VI, 19-21.

[13] *Statuto*, Capo VII, 22.

[14] *Statuto*, Capo VIII, 23-28.

[15] *Statuto*, Capo IX, 29-30.

[16] *Statuto*, Capo X, 31-32.

[17] *Statuto*, Capo XI, 33-35.

[18] Għax ir-Rettur kien dejjem il-Kappillan.

[19] *Statuto*, Capo XII, 36-39.

[20] Dettall mogħti mis-Sur Niki Papagiorcopulo nhar id-9 ta' Lulju 2022.

[21] Bonnici, *op. cit.*, 176.

[22] Il-lista tal-għaqdiet f'San Ġiljan fil-ktieb li ħareġ fl-1992 fl-okkażjoni taċ-ċentinarju tal-parroċċa huwa xhieda ta' dan għax bħala fratellanza/kongregazzjoni/sodalità tissemma biss dik tas-Sagrament; ara Stanley Fiorini, ed., *San Ġiljan mitt sena parroċċa 1891-1991* (Malta: Deer Publications, 1992), 299. L-eks Kappillan Dun Claude Portelli kkonferma li meta beda l-parrokat tiegħu ma kienx hemm għaqdiet li jġibu l-isem ta' San Ġużepp.

[23] Bonnici, *op. cit.*, 175.

[24] Eżempji ta' dan huma l-fratellanzi tas-Sagrament u tar-Rużarju mwaqqfin f'Ħal Kirkop matul l-ewwel tliet sekli tal-ħajja tal-parroċċa, imma li ġew imwaqqfa kanonikament fi żmien il-kappillan Dun Ġużepp Barbara fl-1878, ara Arkivju tal-Kurja tal-Arċisqof, *Suppliche 1878*, vol. 79, 1878, f. 264 u 268.

[25] Għalkemm fl-oriġinal insibu "Confratelli", "Aggregati" jew "Sodali" hawn se nużaw dejjem "membri."

[26] Għalkemm fl-oriġinal insibu "Congregazione", "Confraternità" jew "Sodalità" hawn se nużaw dejjem "Kongregazzjoni."



***L-istatwa ta' San Ġużepp, illum meqjuma fil-knisja parrokkjali, xogħol ta' artist mhux magħruf.***